MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1660/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Haidon Caroline**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija hamsa u erbghin Ewro u disa' centezmi (€1,745.09c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telekommunikazzjoni kont numru *460169* moghti mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u dan minkejja l-fatt illi inghatat il-fakolta' li tipprezenta tali risposta wara li kien skada t-terminu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' elf seba' mija u hamsa u erbghin Ewro u disa' centezmi (€1,745.09c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------